il-kultura vera u l-formazzjoni intellettwali vera ma ssibhomx biss fl-universitajiet iżda wkoll, jekk mhux iktar, fil-qari u fl-istudju personali.

Minn hawn il-ħtieġa li d-dar ikollok għadd ta' kotba, biż-żejjed ftit iżda tajbin, magħżulin b'mod li bil-qari tagħhom titħejja għall-ħajja. Kotba qabelxejn ta' reliġjon, ta' storja, ta' letteratura, ta' informazzjoni. Barra milli għajn ta' tagħrif meħtieġ, b'hekk ikollok ukoll xi ħaġa li tista' taqraha biex tgħaddi ftit taż-żmien fil-ħin tas-serħan tiegħek. Bħalma nagħżlu l-ħbieb tagħna u nfittxu li għalkemm ikunu ftit ikunu wkoll fidili u sinċieri hekk għandna nqisu li l-kotba tagħna jistgħu ma jkunux ħafna iżda għandhom ikunu huma wkoll fidili u sinċieri daqs l-aqwa ħbieb. Ftit kotba, mela, biż-żejjed, iżda dak li hemm fihom jeħtieġ li isir biċċa minna ħalli b'hekk jiswewlna iktar minn ħafna volumi ħoxnin u kbar li jew ma naqrawhom qatt jew naqrawhom taparsi u ma jkunulna għalhekk ta' l-ebda siwi prattiku .M'hemmx għalfejn wieħed jaqra ħafna kotba, iżda jeħtieġlu jaqra ħafna! Għax minnu li aħjar taqra ktieb biex tixtarru u tifhmu tiftakru tajjeb milli taqra ħafna kotba li minnhom ma tibqa' tiftakar xejn jew tiftakar ħażin

Il-kotba huma dawl u gwida f'idejn min jaf jużahom sewwa waqt li ma jfisser xejn li jkollok il-kotba jekk ma tkunx taf tieħu minnhom it-tagħlim li huma jagħtu. Il-ktieb huwa l-għelma taċ-ċivilta. Għalhekk diversi stemmi, jew armi kif insejħulhom ukoll, insibu fihom il-Ktieb. Hekk f'dik ta' Venezja, bl-iljun bil-ġwienaħ, simbolu ta' saħħa, u bil-ktieb, simbolu tal-moħħ u l-kultura; hekk fl-ogħla istituzzjoni kulturali ta' Malta, l-Universtà, il-ktieb jinsab fl-arma tagħha.

Min għandu f'daru daqsxejn ta' bibljoteka ma jonqoslu xejn, għax lanqas l-isbaħ villa, l-aqwa palazz, ma jkollhom dinjita' jekk ma jkollhomx il-kotba. Iżda l-bibljoteka trid tkun ħajja. Ma jiswa xejn li tara kamra kbira mimlija xkafef miżgħudin b'volum fuq ieħor, sbieħ iva iżda qegħdin hemm biss għall-wirja, maqfulin u msakkrin wara l-ħġieġ bħala oġġetti tal-mużew. Dik ma hix bib'oteka, dak hu ċimiterju tal-kotba.

Għalhekk il-mara tista' toqgħod titgħaxxaq bil-pjanu, anke jekk
qatt ma ddoqqu, tista' toqgħod titpaxxa bil-mejda interzjata, tista' tinti-
lef u titbellaħ wara l-bureau antik, iżda l-kotba biex iżżejjen is-sala u l-is-
tudju bihom ma jkunu qatt. Il-vetrina tal-biblioteka tiegħi tibqa', u żżid
timtela' b'kotba li jitilfu lewnhom bl-użu, li jisfarulhom il-paġni, li jit-
tabbgħu bis-swaba' li jqallbuhom, li jiċċappsu bil-għaraq ta' l-idejn, li
jitniżżlulhom fil-paġni tagħhom in-noti u n-notamenti. Jista' jkun li
s-susa għad ittaqqab il-pjanu, tħaffer il-mejda interzjata, tgerrem il-bu-
reau antik, iżda la s-susa u lanqas il-kamla ma jkollhom żmien iniffdu
l-kotba tal-librerija tiegħi.



# IL-BUŻBIEŻA

Lulju, ix-xemx taħraq, tisreġ
Ħin, għat-tokk ta' nofs inhar.
'L hawn u 'l hinn bi dbiel mifruxa
Siġar jogħn'su kbar u żgħar.

L-għalqa għerja, niexfa qoxqox
Int biss tħaddar, kollok fruha,
Qamħ u xgħir ilkoll maħsuda
Ġor-razzett qegħdin miġmugħa.

'Ma x'inhu li qed iżommok
Hekk lelliexa, hekk ferrieħa?
Kollox mejjet, kollox rieqed
Inti waħdek tarmi l-fwieħa.

U għax tgħid ilmaħt x'jiġbidni
Qalb ix-xuxa tiegħek mielsa
U ersaqt ftit, ftit lejn djulek
Mit-tgħabbir tal-bniedem ħielsa.

F'nofs il-friegħi, f'dawl tixxaħxaħ
Kien hemm bejta ta' għasfura,
Għajta waħda mbeżżgħa, mnaffra
Tat, u telqet minn ġol-ħdura.

Sitt bajdiet għaddejt fil-bejta,
Bojod, t'għamla żengulija,
B'tikek suwed, sfieq imnaqqxa
Jiddu, b'lehma bellusija.

Meddejt idi w tellajt bajda
Waħda biss, bla ħarbatthomlha
Għax ma ridtx inkidd l-għasfura
Kif kont sibthom ħallejthomlha.

Ma mxejtx wisq 'l hinn mill-bużbieża
Li l-għasfura b'għanja mferrħa
Ma reġgħetx fil-bejta daħlet
U għattiet lil darha mberrħa.

P.P. Theuma